MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 103/2002

**Patricia Haber**

**vs**

**Matthew Portelli**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba kif ukoll ir-risposta;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu fuq sajdu fi Mgarr Road fid-direzzjoni t'Ghajnsielem filwaqt illi l-attrici harget mid-drive-in ta' biswit l-istabbiliment "Mistees", li kien hemm fuq in-naha tal-lemin tal-konvenut, qasmet il-karreggjata ta' quddiem l-imsemmi stabbiliment, qabzet il-linja bajda diskontinwa li timmarka n-nofs tat-triq, dahlet fil-karreggjata tal-konvenut u bdiet

niezla 'l isfel fid-direzzjoni t'Ghajnsielem. Wara li mxiet distanza ta' hmistax-il metru punt tnejn, habat fiha l-attur minn wara wara li dan halla warajh zewg marki tal-brejkijiet twal erbgha u erbghin metru. L-attrici wara d-daqqa baqghet miexja tlettax punt tnejn metru iehor. Kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut kellhom vizwali twila mijiet ta' metri.

Illi l-konvenut xehed li lemah lill-vettura tal-attrici hierga mid-drive-in, filwaqt illi l-attrici qalet li ghalkemm waqfet qabel harget mid-drive-in u esplorat it-triq, ma ratux qabel harget u fl-ebda mument qabel il-habta ma ndunat bil-prezenza tal-vettura misjuqa mill-konvenut fuq it-triq.

Illi certament huwa nuqqas serju da parti tal-attrici li ma ratx lill-karozza tal-konvenut meta kellha vizwali ta' distanza tant twila.

Illi skond paragrafu 281 tal-Kodici Ghat-Traffiku Fit-Triq, 2001, 44 metru brake-marks jindikaw li l-konvenut kien ghaddej b'velocita' ta' 87 kilometru fis-siegha u li kellu 17-il metru biex jahseb u cioe' lemah lill-attrici minn distanza ta' 61 metru boghod. Billi l-konvenut waqaf bl-impatt fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-attrici, huwa kien qieghed isuq b'velocita' oghla minn dik imsemmija, u allura lemah lill-attrici minn distanza itwal minn dik indikata ta' 104 metru. Billi l-inhawi huma mibnija, il-limitu konsentit ta' velocita' ghal karozza huwa ta' 50 kilometru fis-siegha (ara paragrafu 272 tal-imsemmi Kodici) u ghalhekk huwa car li l-konvenut kien ghaddej bi speed ferm eccessiv. Kieku kien ghaddej bil-50 kilometru fis-siegha, minn 61 metru boghod il-konvenut kien jirnexxilu jieqaf f'distanza ta' 23 metru u ghalhekk jevita l-incident.

Illi ghal din ir-raguni, filwaqt illi huwa minnu li tali velocita' eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih, f'dan il-kaz partikolari gie stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut, u dan billi bl-ispeed eccessiv tieghu, il-konvenut pogga lilu nnifsu fl-impossibilita' li

jwaqqaf il-vettura tieghu tempestivament billi tilef il-kontroll taghha.

Illi di piu', kif sewwa jghidu c-Charlesworth & Percy fl-opra maghrufa taghhom ***On Negligence*** – 1997 - paragrafu 9-212:

*The maximum permitted speed of certain motor vehicles is regulated by statute and, if that speed is exceeded, it is most probable that a case of negligence is established against the driver……..Obviously, it is* **evidence** *of negligence to exceed the speed limit in a built-up area, because other traffic and persons in the area may be assumed to regulate their conduct in the expectation that the law will be obeyed…..*

Illi fattur ferm importanti f'din il-kawza hu l-fatt li meta sehhet il-habta, l-attrici kienet mhux biss diga' temmet il-manuvra taghha li taqsam il-karreggjata tal-lemin u dahlet fil-karreggjata tal-attur, imma wkoll illi hija lahqet nizlet tul ta' 15-il metru skorruti fit-triq principali. Din il-manuvra kollha bilfors hadet certu ammont ta' hin. Ghalhekk mhux il-kaz li hija holqot xi emergenza subitanea lill-konvenut. Fi kliem iehor: mhux il-kaz li l-konvenut sabha ma' wiccu hekk kif harget mid-drive-in; anzi kif fuq spjegat seta' jaraha – u fil-fatt raha - mill-boghod.

Illi ghalhekk assolutament ma' jaqbilx mad-dinamika tal-incident dak li qal il-konvenut in kontro-ezami (fol 51 tal-process) fis-sens li lemah lill-attrici minn 20 pied 'il boghod.

Illi ghalhekk iz-zewg partijiet ikkontribwew b'mod ugwali ghall-incident.

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-incident gara tort tal-partijiet kontendenti ugwalment bejniethom u konsegwentement jilqa' in parti t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz tat-talba billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' LM263.31c.

L-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet kontendenti.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M'Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur